# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 13**

**30 ta' Ottubru 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Horace Micallef - Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 13.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

13.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa u għalhekk ma kienx hemm ittri ta' Apoloġiji. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

13.2.1 Il-Kunsillier Horace Micallef rrefera għal minuta numru 12.3.19 fejn irrimarka li l-bankina għandha ssir minn mal-wiċċ tal-ħajt, jiġifieri jrid jitqatta' l-blat sabiex il-bankina ma toħroġx il-barra. Is-Sindku qal li qatt ma kien hemm ħsieb li l-bankina ma ssirx mal-linja tat-triq. Is-Sur Micallef żid jgħid ukoll li għandna niktbu li qiegħda ma ġenb 'San Andrea Court.' Il-membri qablu ma dan.

### 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

13.3.1 Is-Sindku ppropona li nibgħatu l-kondoljanzi lill-familja Cassar għat-telfa tal-ex-Kunsillier George Cassar, li kien membru tal-ewwel kunsill lokali. Ippropona wkoll li l-quddiesa ta' Jum il-Fontana tiġi ċċelebrata għar-ruħhu. Il-membri kollha qablu ma dan.

13.3.2 Ix-xogħol ta' tarmak fl-aħħar 35 metru ta' Triq John Gaspard le Merchant tlesta u issa għandu jsir il-kejl mill-Perit fil-preżenza tas-Sindku. Xiri ta' *paving blocks goccia* sabiex issir wiċċ tal-bankina fejn sar dan ix-xogħol peress li l-kurduna hija lesta. L-istima provduta mill-kuntrattur ġiet l-fuq minn €4,432.21 li tinkludi €1981.76 għal xiri ta' *paving blocks goccia* u d-differenza għal xogħol ta' twaħħil. Il-prezz li kwotawlna l-istess kuntrattur għal-xiri tal- *paving blocks goccia* huwa ta' €1416.29, jiġifieri differenza ta' €565.47, jekk jinxtara mill-kunsill. Għalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jixtri l-*paving blocks goccia* direttament hu.

13.3.3 Is-Sindku ssuġerixxa li nkomplu bil-ġemellaġġ ma' Tre Castelli fl-Italja, għalhekk għandu jiġi kkuntatjat is-sur Amabile Zammit biex jieħu ħsieb il-ġemellaġġ.

13.3.4 Waslu l-ħames *bins* li xtrajna mingħand Anton Zarb bħal taċ-Ċittadella. Twaħħlu l-erbgħa minnhom fi Triq Alessandro Franchi u fi Triq John Gaspard le Merchant. Baqa' *bin* ieħor li jista jitwaħħal fejn il-knisja, filwaqt li ta' fejn il-knisja nwaħħluh fi Pjazza l-Ghejjun biex jiżdied mal-ieħor.

13.3.5 Ħarġet l-offerta ta' CCTV u se tagħlaq fl-10 ta' Novembru 2017. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa min se jkollu aċċess għar-*recordings.* Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tkun hi biss il-persuna li se jkollha dan l-aċċess.

13.3.6 Ġiet imbajda l-kurduna tal-bankina fi Triq il-Għajn. Inxtara l-materjal meħtieġ sabiex jitħallat mas-siment ħalli ma titfarfarx. Dan sar mill-ħaddiem tal-kunsill. Wara diversi talbiet lill-*Intervention Team* qiegħed jitranġa l-ħajt ta' parti minn taħt ir-*railing* fi Triq il-Ghajn peress li kien fi stat perikoluż.

13.3.7 Sar il-*membrane* tal-bejt tat-tieni fażi taċ-ċentru ċiviku. Il-Kunsillier Micallef staqsa jekk jistax isir xi ħaġa fejn hemm it-tgħaqid tal-bjut sabiex nevitaw li jidħol ilma. Is-Sindku ħa nota ta' dan.

13.3.8 Saret l-applikazzjoni mill-Perit Saliba lil *Lands Authority* biex jinbena l-ħajt tas-sejjieħ li hemm fit-Triq tax-Xlendi fejn sar it-tindif tal-wied. Wara li nirċievu l-approvazzjoni tagħhom nkunu mbagħad nistgħu napplikaw lill-Planning Authority.

13.3.9 Hemm bżonn li tinbidel it-tabella 'Merhba' tal-HSBC li hemm fil-bidu ta' Triq il-Għajn. Għandu jiġi magħruf b'dan is-sur Herbert Naudi.

13.3.10 Se toħroġ s-sejħa għall-offerta sabiex issir bit-tarmak parti minn Triq il-Għajn, bejn Pjazza Sant' Wisitin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-kunsill li tkelmet mal-Onor Ministru Justyne Caruana, Ministru għal Għawdex fejn din infurmatha li l-kunsill jista' joħroġ l-offerta biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Micallef ssuġġerixxa li għandna niktbulha.

13.3.11 Is-Sindku semma li hemm il-fondi tal-*Urban Improvement Fund* li jammontaw għal aktar minn €23,000 u jixraq li nużawhom sabiex ikomplu jsiru l-fanali fi Triq is-Sajjieda, Triq ta' Mulejja, Wied Siekel, Triq San Martin u Trejqet Grezzja Grima. Is-Sindku ssuġġerixxa li ngħidu lill-Inġinier Mario Galea sabiex iħejjilna rapport. Il-kunsill qabel. Peress li xi xhur ilu l-kunsill kien approva li jsir l-aħħar 35 metru *belvedere* f'tarf Triq John Gaspard Le Merchant b'dawn il-fondi , dan għandu jiġi annullat peress li dan il-*belvedere* jonqsu biss il-*paving blocks*. Dan għar-raġuni li l-kurduna tal-bankina tlestiet mal-bini ta' din il-parti tat-triq.

13.3.12 Tal-WSC ħallsuna tal-permessi li kien tahom il-kunsill wara numru ta' snin li kienu jammonta għal aktar minn €500. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu dritt jitlob sabiex iħallsuna ukoll tal-*patching*. Saru s-sinjali s-sofor ta' Triq il-Għajn.

13.3.13 Is-Sindku staqsa jekk konniex irċevejna risposta mingħand l-Enemalta dwar il-ħajt tax-Xlendi. Is-Segretarja nfurmat lil-Kunsill li l-Enemalta kienu nfurmawna li dan kien ġie mibni mill-ħaddiema tal-Ministeru u għalhekk għandna ninkuntatjaw lill-Ministeru Għal Għawdex. Kienet intbgħatet imejl lill-Ministeru pero' s'issa għadna ma rċevejniex risposta bil-miktub għalkemm verbalment qalulha li dan ma jidhirx li kien sar mill-

ħaddiema tal-MGOZ. Se terġa tintbagħat imejl għal risposta u filkas terġa' tiġi referuta lill-Enemalta.

13.3.14 Is-Sindku fakkar li s-sena d-dieħla l-Kunsill se jagħlaq ħamsa u għoxrin (25) sena, u jissuġġerixxi li jkun xieraq li jsir ktieb tal-okkażjoni dwar il-Fontana b'dak li qed jikteb fil-fuljett tal-kunsill Dr. Joseph Bezzina dwar it-Fontana u nżidu sezzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill.

13.3.15 Ippropona li fil-*budget* tas-sena d-dieħla naħsbu biex nagħmlu sistema ta' dwal ġodda fit-toroq Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant. Dan għar-raġuni li d-dwal ezistenti ilhom hemm sbatax-il sena, kif ukoll li hemm *light pollution* peress li l-globi jagħtu d-dawl ukoll il-fuq. Għalhekk nistgħu naraw kif issir sistema li tagħti aktar dawl filwaqt li nnaqqsu mil-*light pollution* peress li dawn it-toroq huma f'żona Natura 2000.

13.3.16 Fis-6 ta' Ottubru Saret żjara fil-kunsill mis-Sinjura Michelle Muscat, mart l-Onor Prim Ministru, kif ukoll mis-Segretarju Parlament l-Onor Silvio Parnis, responsabli mill-Gvern Lokali, fl-okkażjoni tal-Pink October peress li l-kunsill qed jieħu ħsieb li tinxtgħel il-faċċata tal-kunsill matul ix-xahar t'Ottubru. Attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia. Is-Sinjura Muscat ippreżentat *voucher* lis-Sindku biex titħawwel siġra fil-Fontana bħala tifkira. Is-Sindku semma li din tista' titħawwal fi Triq ix-Xlendi fejn il-blatiet.

13.3.17 Bdew il-korsijiet tal-Lifelong Learning, fejn qed ikun hawn il-korsijiet tal-bizzilla u tal-*patching.*

13.3.18 Saret il-ħarġa għan-Notte Bianca fil-Belt Valletta fejn attendew tlieta u ħamsin (53) persuna, fosthom is-Sindku.

13.3.19 Il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru s-Sindku u s-Segretarja kellhom laqgħa mas-Sur Kenneth Cutajar u s-Sur Victor Xerri dwar il-ħaddiema tal-iskema fil-komunita'. Is-sur Cutajar u s-sur Xerri kienu ċari li dawn il-ħaddiema jridu jaħdmu s-sigħat tax-xogħol tagħhom, u fin-nuqqas ta' dan se jinħarrġu t-twissijiet, u wara tliet darbiet jitkeċċew mill-iskema, bħal ma qiegħed jiġri fl-lokalitajiet oħra. Is-Sinjuri tkellmu wkoll mal-ħaddiema fil-preżenza tagħna sabiex kulħadd jaderixxi mal-istruzzjonijiet mogħtija.

13.3.20 Is-Sindku qara l-aħbarijiet tal-kunsill għax-xahar t'Ottubru:
Il-faċċata tal-uffiċju tal-kunsill u s-Sala tal-Komunita' bdew jinxtegħlu għal matul il-lejl fl-okkażjoni Pink October.

Fis-Sala tal-Komunita' beda kors tal-bizzila kif ukoll tal-*patching*. Dawn qed isiru permezz tal-korsijiet tal-*Lifelong Learning.*

Is-Sindku attenda għal-laqgħa tal-kumitat reġjonali għal Għawdex li saret fil-Banca Giuratale.

Ħarġet l-offerta biex isir tiżjin ġdid tal-Milied għal Triq il-Kappillan Guzepp Hili li ser ikun propjeta tal-kunsill.

Ingħata l-*liquid membrane* lis-saqaf tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku biex wara li toħroġ l-offerta dan is-saqaf isir bil-*porfido*.

Saret laqgħa għall-ħaddiem tal-iskema CWSEF. Dawn ġew indrizzati mill-Uffiċjali Kenneth Cutajar u Victor Xerri. Kienu preżenti s-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivan tal-kunsill.

## 13.4 Ittra mill-Kummissjoni Żgħażagħ

Is-Segretarja qrat l-ittra li rċevejna, fejn spjegat illi l-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana qed titlob sabiex din l-attivita' issir flimkien mal-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li l-ittra ma ġietx indirizzata sew u din turi nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsill. Dan għaliex ittra għandha tiġi ndirizzata lis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv u mhux lill-membri tal-kunsill. Żid jgħid li l-Kunsill għandu jistaqsi għaliex ma ġejniex mistednin għall-attivita' li saret fuq iz-zuntier fis-16 ta' Settembru għall-okkażjoni tal-i*Sports Fest*. Speċjalment meta l-kunsill tahom il-permess li jużaw is-sala tal-komunita', kif ukoll inħareġ il-permess mill-Kunsill sabiex ingħalqet Triq Ta' Mulejja għal din l-attivita'. Huwa qal li l-Ministru għal Għawdex kienet mistiedna, kif għandu jkun, u mbagħad il-Kunsill Lokali ma kienx mistieden.

Is-Segretarja żiedet illi din it-talba taqa' fil-parametri taċ-Ċirkulari minħabba li l-kunsill qed qabel li din tkun parti mill-ativitajiet ta' Jum il-Fontana bħas-sena l-oħra u ser joħroġ ħlas ta' €250, b'hekk tkun attivita' mtella' mill-Kunsill bil-għajnuna taż-żgħażagħ. Għalhekk il-membri qablu li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill u ż-żgħażagħ sabiex flimkien isir il-pjan għal din l-attivita'. Il-membri qablu li l-Kunsill jieħu ħsieb tas-servizzi bħad-dwal u s-*sound*, kif ukoll li tintuża s-sala kemm għall-provi kif ukoll għas-serata finali. Is-Segretarja spjegat ċar li pagamenti jinħarġu biss f'isem il-kuntrattur li jrid ikun imqabbad jiprrovdi s-servizz mill-Kunsill.

Għalhekk is-Segretarja u s-Sindku se jiltaqgħu maż-żgħażagħ sabiex jitfassal pjan ta' ko-ordinazzjoni. Is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Micallef ġibdu l-attenzjoni li jekk se jiġu mistiedna personalitajiet, l-inviti għandhom jinħarġu biss mill-Kunsill. Dwar ir-riċeviment mitlub, is-Sindku rrimarka li dan ma jistax isir peress li l-kunsill skond ir-regolamenti tal-kunsilli lokali jista' jsir wieħed fis-sena. Dan naturalment isir f'Jum il-Fontana. Kull riklam irid jgħaddi mill-Kunsill u l-Kunsillier Mercieca żid li għandna nkunu nfurmati b'kull pass li se jsir minn qabel. L-membri qablu wkoll li din l-attivita' għandha titniżżel bħala l-ewwel item fil-programm tagħna.

## 13.5 Rapport ta' Evalwazzjoni dwar is-sejħa għall-xiri ta' Tiżjin tal-Milied għal Triq Kappillan Ħili.

13.5.1 Is-Segretarja infurmat lill-membri li mal-ftuħ tal-offerti, ġie jidher ċar li l-uniku offerta mitfugħa hija ferm għola mill-estimi tal-Kunsill. L-offerta mitfugħa kienet dik ta' €8,500 sabiex isiru tmien pavaljuni għall-Milied. Għalhekk is-Segretarja ssuġġeriet li l-Kunsill iwaqqa' din l-offerta u terġa tinħareġ bħala 'tender' u mhux 'quotation' is-sena d-dieħla. Il-Kunsillier Horace Micallef oġġezzjona u ssuġġerixxa li xorta waħda kellu u ghandu jsir l-evalwazzjoni tal-offerti mitfugħa sabiex l-proċess ikun aktar trasparenti u jkun il-board innifsu li jasal għal din il-konklużjoni u mhux il-Kunsill. Il-Kunsillier Micallef żid jgħid li ma jaqbilx li għandna nixtruhom imma li noħorġu b'disinn aħna u jkun tagħna għal numru ta' snin ħalli wara jkun jista' jinbidel u mhux nibqgħu dejjem bl-istess. Is-Sindku ssuġġerixxa li nkomplu niddiskutu aktar fid-dettal dwar dan f'Jannar, meta nkunu se naħsbu biex nerġgħu noħorġu l-offerta. Il-kunsillier Mario Mercieca staqsa issir x'ser isir għat-tiżjin tal-Milied. Is-Sindku ppropona li jsir bħas-sena l-oħra, ħlief li bozoz ta' Triq il-Kappillan Guzepp Hili jkunu LED

Il-membri qablu sabiex issir l-evalwazzjoni tal-offerta mitfugħa.

## 13.6 Jum il-Fontana

13.6.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kienet tqasmmet l-ittra lir-residenti sabiex min għandu xi talent u jixtieq jieħu sehem fl-attivita' jiġi l-kunsill. Kien hemm persuna waħda li uriet interess. Din hija Audrey Micallef li xtaqet ddoqq instrument tal-mużika. Il-kunsill qabel li din tieħu sehem f'Jum il-Fontana. Is-Segretarja kompliet tgħid li ġabret tlett(3) kwotazzjonijiet għall-mużika. Dawn huma kif ġej:

| ***Supplier*** | **Prezz** |
|---|---|
| Cordia String Quartet | €400 |
| Antoine Mercieca | €500 |
| Ivan Attard | €450 |

Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu l-offerta ta' Cordia String Quartet minħabba li se jkunu band ta' erbgħa u jistgħu wkoll idoqqu b'żewġ instrumenti biss. Il-Kunsill qabel li nistiednu lil Elaine Ħaber sabiex tiġi tkanta matul din is-serata. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-programm qed jiġi ppreparat u wara li jkollna l-ismijiet tal-mużika, se jmur għal istampar. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li kienet ġabret tlett kwotazzjonijiet għar-riċeviment li ser isir fi tmiem din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu l-offerta ta' Charles Azzopardi minħabba li s-sena l-oħra kien tana servizz tajjeb.

Il-Pjan ta' *weekend break* fi Sqallija bl-ajruplan kellu jiġi mħassar minħabba li l-*weekend* ta' 8, 9 u 10 ta' Diċembru kien *fully booked* u l-*weekend* ta' 15, 16 u 17 ta' Diċembru ser

ikun hemm il-laqgħa tas-Sindki, Viċi-Sindki u *Minority Leaders* fil-Grand Hotel f'Għawdex.

Il-membri qablu li bħal ma jiġri s-soltu għandna nibdew il-programm b'quddiesa ta' radd il-ħajr fis-Santwarju Parrokjali tal-Qalb ta' Ġesu fis-6p.m. segwita minn ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruna f'riġlejn il-Monument tas-Sajjieda kif ukoll isir l-inawgurazzjoni tal-Lapida bl-Innu tal-Fontana. Kien hemm qbil unanimu sabiex il-quddiesa tiġi offruta għal-ruħ George Cassar li kien Kunsillier fil-lokalita' tal-Fontana.

**<u>Premju Ġieħ il-Fontana</u>**

Is-Sindku ppropona li dan jingħata lil Fr. Marcell Portelli tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl li ilu aktar minn tletin (30) sena l-Peru jwettaq xogħol missjunarju u ghamel ġieħ lill-Fontana. Filwaqt li il-Kunsillier Mario Mercieca ppropona li dan għandu jingħata lis-Sinjura Giovanna Farrugia u lis-Sinjura Lydia Curmi minħabba li dawn jaħdmu fil-parroċċa. Is-Sindku rrimarka li s-Sinjuri li qed jippropona ma humiex mil-lokalita' tal-Fontana. Il-Kunsillier Mercieca qal li wahda biss mhihiex mil-lokalita' filwaqt li l-Kunsillier Micallef zid jghid li mhux l-ewwel darba li s-Sindku nnomina nies li ma humiex mil-lokalita'. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu dwar dawn in-nomini, ittieħed votazzjoni.

Bi tliet voti favur (Sindku, Viċ Sinku u Kunsillier Carmel Farruġia) favur Fr. Marcelle u żewġ voti favur (l-Kunsillier Horace Micallef u l-Kunsillier Mario Mercieca) is-Sinjura Giovanna Farrugia u s-Sinjura Lydia Curmi, l-Kunsill qabel li għandu jagħti dan l-unur lil Fr. Marcell Portelli bħala rikonoxximent għall-ħidma tiegħu mat-tfal fil-Peru. Fin-nuqqas tiegħu jistgħu jiġu l-familjari tiegħu jew is-superjuri tiegħu mis-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl.

Is-Sindku ppropona li l-midalja ta' Ġieħ il-Fontana tingħata lis-Sinjura Margaret Balluci bhala rikonoxximent ta' kemm ħadet ħsieb it-tfal tal-parroċċa. Filwaqt li l-Kunsillier Horace Micallef ippropona li jinghataw tlett medalji lis-Sinjura Margaret Balluci, lis-Sinjura Lydia Curmi u s-Sinjura Giovanna Farrugia. Peress li ma kienx hemm qbil unanimu, ittieħed votazzjoni. Bi tliet voti favur li tinghata medalja wahda, s-Sindku, Vici Sindku u Kunsillier Carmel Farugia u zewg voti favur li jinghataw tlieta, (l-Kunsilliera Micallef u Mercieca) l-Kunsill qabel li għandha tinghata medalja wahda lis-Sinjura Margaret Ballucci.

## 13.7 Ċirkulari Numru 30/2017 – Twettiq ta' proġetti utli għall-komunita' bla spejjeż għall-Kunsill Lokali

13.7.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li din l-inizjattiva għandha tgħin lill-Kunsilli Lokali fit-twettiq ta' proġetti kbar ta' natura infrastrutturali ghall-gid tal-komunita minghajr ebda

piż finanzjarju għall-Kunsill Lokali u l-lokalita'. Is-Sindku ssuġġerixxa li napplikaw sabiex isiru l-isqaqien bil-*porfido* bħal Sqaq Għar Gerduf. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se ġġib aktar informazzjoni dwar din l-applikazzjoni mid-dipartiment.

## 13.8 Inizjattiva fil-Jum Dinji tat-tfal

13.8.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li se jigi ċċelebrat Jum Dinji tat-tfal fl-20 ta' Novembru 2017 u għalhekk qiegħda tressaqha sabiex tara jekk il-Kunsill jixtieqx itella' xi avveniment sportiv, artistiku jew ta' divertiment għat-tfal. Din l-attivita' tista' ssir anke fil-ġimgħa u mhux bilfors f'dik il-ġurnata.

## 13.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill li huma meħtiega

13.9.1 Bħalma rrimarka l-Kunsillier Micallef f'punt 13.2.1, l-bankina ġdida ta' Triq l-Isptar San Giljan u li l-kunsill qabel li għandha ssir fil-laqgha numru 12, is-Segretarja nfurmat lill-membri li se tkompli bit-talba sabiex issir mal-Ministeru Għal Għawdex. B'referenza għat-talba tal-Kunsill sabiex isir il-manutenzjoni tal-bankina quddiem propjeta' b'numru 42 u 43 fi Triq l-Isptar San Giljan, is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Assistent Direttur infurmana li l-Ministeru Għal Għawdex ma jagħmilx manutennzjoni ta' bankini imma bankini ġodda biss. Sew is-Sindku kif ukoll l-Kunsillier Micallef stqarru li dik hija triq arterjali u ghalhekk taqa' fil-kompetenza tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku kien diġa talab lis-segretarja sabiex terġa' twieġbu f'ismu peress li din taqa' taħt id-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi, pero, l-Kunsill reġa' rċieva l-istess tweġiba. Il-Kunsillier Micallef staqsa allura ta' min hi din ir-responsabilta' u min se jsewwiha din il-bankina. Għalhekk, il-membri qablu li għandna nerġgħu nibghatu lill-Assistent Direttur, is-Sur Lorry Apap kif ukoll lill-Intervention Unit sabiex din il-manutenzzjoni ssir.

Il-Kunsillier Mario Mercieca semma li hemm residenza fi Triq l-Isptar San Giljan fejn is-sid kien oriġinarjament ilmenta li l-bankina qieghda kontra l-liġi u għalhekk il-Kunsill kien ħa l-passi neċessarji sabiex din tranġat. Issa qiegħed iħalli l-karozza pparkjata nofsha fir-rampa u nofsha fuq il-bankina b'konsegwenza li qed jingħalaq l-aċċess tal-bankina għar-residenti. Is-Segretarja talbitu jressaq id-dettalji sabiex tinkiteb ittra lil dan ir-resident.

Is-Segretarja ressqet it-talba sabiex tmexxi erbgħa u erbgħin siegħa (44) għas-sena 2018. Il-Kunsill approva unanimament din it-talba. Is-Segretarja kompliet tgħid li l-iskrivan se jieħu l-ġranet tal-*leave* li baqagħlu wara li kien ikkonsulta mas-Segretarja.

L-appell tal-kunsill dwar il-ħruġ tal-permess tal-Fontana Cottage Industry għal *restaurant* iddaħħal mill-Perit il-Planning Authority fis-27 ta Ottubru 2017. Il-membri qablu li jintbagħtu wkoll ritratti tas-sitwazzjoni tat-traffiku fi Pjazza l-Għejjun u fil-bidu ta' Triq ix-Xlendi lill-Bord tal-Appell.

Irċevejna t-talba mill-Kunsill Lokali ta' Għajnsielem sabiex jekk nixtiequ nippartecipaw f Betlehem, *'Be an Actor for a Day'*.

Irċevejna ittra mingħand l-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex kull Kunsill jirreġistra għas-sit elettroniku ta' l-Awtorita ta l-Ippjanar. Dan sabiex ikollna aċċess għal zviluppi li jkunu qed isiru. Il-Kunsill għandu jawtorizza persuna responsabbli li sabiex ta' spiss idealment kuljum jiċċekkja l-korrispondenza li tintbgħat mill-Awtorita.

Is-Segretarja nfurmat lill-kunsill li applikajna biex ningħataw il-fondi li ġejna mogħtija mir-Reġjun t'Għawdex għat-tiswija tat-toroq. Il-kunsill ser jużawhom għat-tisqija li saret fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Is-Sindku nforma lill-kunsill li l-fondi żdiedu għal ???

Irċevejna l-applikazzjonijiet ta' Sejhet is-Sigar li intbgħatu wkoll lill-familji kollha sabiex dawk it-tfal li jixtiequ ktejjeb jiġu l-Kunsill sas-27 ta Ottubru.

Ħarġet is-sejħa għall-kwotazzjonijiet ta' CCTV u tagħlaq fl-10 ta' Novembru 2017. Il-*'Bill of Quantities'* tal-Ingineer giet €2960. Il-membri nnominaw l-*'opening staff '* u '*l-evaluators'*. Il-Kunsilliera Carmel Farrugia u l-iskrivan Chris Buhagiar ġew nominati bħala *'opening staff'* u s-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsillier Mercieca bħala *'evaluators'*. Il-membri qablu li l-evalwazzjoni għandha ssir ġurnata li trid tiġi kkomunikata aktar tard pero' ssir fil-ħamsa ta filgħaxija.

Is-Segretarja pprezentat t-tranżazzjonijiet ta' *'Petty Cash'* li saru matul ix-xahar ta Ottubru 2017.

Il-laqgħa tas-Sindku u Viċi Sinki se ssir fil-15 u 16 ta' Diċembru fl-Imgarr Hotel. Huwa mistieden li jattendi ukoll l-*'Minority Leader'* u s-Segretarji Eżekuttivi. Is-Sindku, il-Viċi-Sindku u l-*Minority Leader* ser jattendu.

Is-Segretarja ressqet it-talba sabiex tinxtara *'Laminating Machine'* A4 fejn preżentat diversi kwotazzjonijiet li jvarjaw minn dik *'heavy duty'* u oħrajn mhumiex. Il-Kunsill qabel li għandha tinxtara waħda *'heavy duty'* għall-prezz ta' €88.35. Is-Segretarja nfurmat lill-membri li nxtrat il-*'Key Cabinet'* kif ukoll l-external hard drive għal ġo l-uffiċċju.

Ġew diskussi ż-żewġ kwotazzjonijiet għal xiri ta' *paving blocks* (bħal dak eżistenti griż, aħmar u aħdar) għall-bankina ta' Triq John Gaspard le Merchant. Il-membri qablu li għandna nixtru l-*paving blocks goccia* mingħand RA & Sons Ltd.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-ħofra li kien hemm fil-kantuniera ma' Triq il-Ġdida tranġat mill-ħaddiema tal-Ministeru, kif ukoll li qed jittranġa parti mill-ħajt ta' taħt ir-*railing* l-isfel mill-Knisja.

Il-Moviment Kerygma bagħtulna jekk nixtiequx ninnominaw xi żgħażugħ jew żgħażugħa li naħsbu li jikkwalifikaw għal premju Premju Żgħażugħ tas-sena.

Il-Kunsill qed jiġbor l-kartun tal-Ħalib u tal-*'juices'* bħala parti mill-Kampanja Tetra għall-Istrina. Il-Green MT se jkun qed jagħti €60 għall kull tunnellat lil Malta Community Chest Fund.

Is-Segretarja ressqet għall-attenzjoni tal-membri, applikazzjoni għal struttura PA/07815/17. *'Proposed restoration of dilapidated grade I scheduled windmill.'* Is-Sindku semma li dan ir-restawr huwa tajjeb ħafna li jsir, pero' għamel referenza għall-bini tal-injam(irjuf tal-għasafar) misbugħin blu li jinsabu fuq il-bejt tal-istess mitħna. Għalhekk issuġġerixxa li nressqu t-tħassib tagħna bħala kunsill lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex dawn il-kmamar ma jiġux sanzzjonati. Il-Kunsilliera Mario Mercieca u Horace Micallef ssuġġerixxew li l-ewwel għandna naraw l-applikazzjoni sew sabiex nivverfikaw għal xhiex qed japplikaw. Pero' minħabba l-limitazzjoni taż-żmien, l-membri qablu li għandna nressqu l-punti tagħna lill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Ġew ippreżentati kampjuni u kwota ta' tapiti sabiex jinxtraw żewġ tapiti għal-kors tal-*pilates*. Il-prezz kwotat hu ta' €765 mingħand Ta' Nisju. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jikseb kwotazzjoni oħra. Is-Segretarja nformat lill-membri li mhux ser tistenna laqgħa oħra pero se tordna t-tapiti skont il-kwalita' sabiex dawn jilħqu jaslu sa nofs Novembru.

Is-Segretarja resqet imejl li rċevejna sabiex nipparteċipaw *f'Nationwide Spring Clean up on Earth Day 2018* li se ssir fit-22 ta' April 2018. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw u s-Sindku ssuġġerixxa li nnaddfu l-Wied tax-Xlendi.

Intalbet stima sabiex jitranġaw l-apparat tal-*playingfield* minħabba vandaliżmu. Dawn ikunu jistgħu jitranġaw wara li titwaħħal is-sistema tas-CCTV

Skont kif kien ġie deċiż fil-laqgħa numru 12, intbgħatet stedina lill-membru Parlamentari, l-Hon. Robert Cutajar sabiex jiltaqa' mal-Kunsill.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li qegħdin fil-proċess li noħorġu l-offerta għal xogħol ta' resurfacing fi Triq il-Għajn, bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Peress li sal-laqgħa li jmiss, din is-sejħa se tkun ħarġet, ġew nominati l-*'opening staff'* kif ukoll l-*'evaluators'*. L-*'opening staff'* se jkunu Chris Buhagiar u l-Kunsillier Carmel Farrugia filwaqt li l-*'evaluators'* se jkunu s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsillier Mario Mercieca filwaqt li c-Chairperson se jkun il-Perit Gordon Vella. Il-Kunsillier Micallef fakkar li għandna nieħdu ħsieb li jkun hemm speċifikat min se jkun responsabbli għal spejjeż li jinvolvu l-għeluq tat-toroq u/jew *diversions* tat-traffiku, kif ukoll li ma jixtieqx ikun fl-Evaluating Boards tal-Kunsill.

Kif kien ġie maqbul fil-laqgħa numru 12, fl-20 ta' Ottubru ntbagħtet ittra lil Inġinier Camilleri sabiex jitnaddaf xi cement li kien waqa fi Triq Għajn Tuta. Il-membri ġew infurmati mis-Sindku li ttieħdet azzjoni minnufiħ u dan beda jitnaddaf.

Is-Segretarja ppreżentat reklam li jinkludi diversi mudelli ta' kif tista' ssir mappa tal-Lokalita'. Minħabba li l-ispiża taqbeż l-ammont ta' €1164, s-Segretarja nfurmat lill-membri li għandna noħorġu talba għal kwotazzjonijiet.

Il-Kuntratt għas-servizz ta' tindif u manutenzzjoni tal-Latrina Pubblika ġie ffirmat u se jidħol fis-seħħ mill-1 ta' Novembru 2017. Is-Sindku qal li għal aktar minn xahrejn u nofs ħa ħsieb li jiftaħha u jagħlaqha, b'hekk ġew iffrankati mijiet ta' Ewro. Il-Kuntrattur se jkun qed jimla *performance sheet* sabiex il-Kunsill ikun jista jivverifika l-ħinijet li fih ikun sar it-tindif. Inbiddlu wkoll s-serraturi tal-bibien tal-aluminium minħabba li jidher li kien hawn xi kopji ta' ċwievet jiġru. Dan għaliex il-bibien instabu magħluqin f'diversi ġranet.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-Kappillan stqarr li qatt ma tħallas għall-elemożina tal-quddiesa ta' Jum il-Fontana u għalhekk s-segretarja talbitu sabiex jinforma lill-kunsill kemm għandna nħallsu sabiex isir il-ħlas. Il-Kunsillier Mario Mercieca semma li kienu ħallsu l-flus minn buthom għall-quddiesa u jiftakar li ġie ħallashom il-Kunsill. Is-Sindku qal li nġabru l-flus għall-quddies ta' Jum il-Fontana 2015 bejn il-membri tal-kunsill u ngħataw lis-Segretarju Eżekuttiv. Tas-sena l-oħra kellu jitħallas mis-Segretarju Eżekuttiv kif hemm fil-minuti. Jekk ma tħallasx mis-Segretarji Eżekuttivi ta' dak iż-żmien, il-membri qablu li għadna nħallsuh tas-snin preċedenti, jiġifieri tal-2015, 2016 u din is-sena, 2017.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li applikajna għal VAT number, u għandna nirċievu n-numru tal-VAT fil-ġranet li ġejjin.

Ressqet it-talba li rċivejna mingħand is-Sur Steve Pace sabiex joffri s-servizz ta' lezzjonjiet għall-adulti fil-lokalita'. Il-membri qablu li għandna nitolbuh aktar dettalji.

Is-Segretarja semmiet li hemm bżonn nixtru *safety shoes* għaż-żewġ ħaddiema tal-Kunsill. Il-membri qablu li għandna nixtru dak li hemm bżonn sabiex nassiguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema. Ġie ppreżentat ukoll ir-rapport ta' '*Health & Safety*' fejn qed jiġi speċifikat dak kollu li għandu bżonn jitranġa jew jinbidel. Il-membri qablu li għandna nippruvaw nagħmlu t-tibdil meħtieġ.

Il-membri ġew infurmati li ġejjin l-uffiċċjali mill-uffiċċju tal-President biex naraw x'nistgħu nagħmlu fl-okkażjoni ta' meta tiġi żżurna l-President ta' Malta.

*Restoration work scheme for Gozo local councils* imnehdiha mill-Ministeru Għal Għawdex li rċivejna fid-29 t'Ottubru. Dwar din l-iskema s-Sindku qal li qed jara li jitwettaq dak li ressaq fil-laqgħa tal-25 ta' Marzu għas-Sindki u l-membri tal-kunsilli

lokali Għawdxin mas-Segretarju Parlamentari responsabli mill-Gvern Lokali l-Onor. Stefan Buontempo fil-preżenza tad-Direttur tal-Gvern Lokali fejn kien ressaq l-ilment li kienu qed joħorġu skemi li japplikaw biss għal Malta fosthom tar-restawr tan-niċeċ, u li ma kienx ġust li l-kunsilli Għawdxin jitħallu barra. Is-Sindku ppropona li jsir restawr tal-istatwi ta' San Pietru u San Pawl li hemm fil-faċċata tal-knisja parrokjali li jinsabu fi stat ħażin u għandhom bżonn restawr kbir flimkien mal-pedestali tagħhom. Dawn l-istatwi huma xogħol fil-ġebla ta' Giovanni Gafa li kien ħadimhom fl-1695. Dan għal ħafna snin kien fil-kor tal-knisja tal-parrokjali ta' San Gorg, meta madwar mitt sena ilu ingħatat lill-knisja parrokjali tagħna u sakemm inbnew in-navi fis-snin 60 kienu fuq iz-zuntier. Dan kollu jista' jsir wara li nġibu permess tal-parroċċa.

## 13.10 Ilmenti.

Is-Segretarja ppreżentat żewġ ilmenti li rċieva l-Kunsill. Wieħed sabiex jitneħħa d-*doggy bin* li hemm ħdejn ir-ristorant fi Triq Għajn Tuta kif ukoll sabiex titwaħħal it-tabella 'Tarmix Żibel Hawn' minħabba li xi residenti qegħdin jarmu ż-żibel quddiem il-propjeta tas-Sur Vella fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li titwaħħal din it-tabella u rigward id-*doggy bin*, l-membri qablu li ġaladarba jibda jinfetaħ ir-ristorant, il-Kunsill iħarrek dan l-istess bin. Fil-preżent, ir-ristorant ma jidhirx li qiegħed jopera.

Tressaq ilment ieħor għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill, fejn is-Sur Borg ilmenta li qegħdin jgħaddu trakkijiet u vetturi minn fuq il-bankina tiegħu b'riżultat li qed ikissru l-bankina u għalhekk jixtieq li l-Kunsill isib soluzzjoni. Il-Kunsill stqarr li diġa twaħħlu l-*bollards* u għalhekk ma jistax jifhem kif il-vetturi qegħdin jitilgħu fuq il-bankina.

<u>Mill-Kunsillier Mario Mercieca</u>

Il-Kunsillier Mercieca semma li qed tinġabar għadira ilma quddiem il-bieb tiegħu. Dan għaliex it-tarmak li sar ġdid ġie qiegħed il-fuq u qed iżomm l-ilma fuq il-qadim. Is-Sindku ssuġġerixxa li nkellmu lill-Kuntrattur, nuruh il-post u naraw x'jista' jsir.

<u>Mill-Kunsillier Horace Micallef</u>

Il-Kunsillier Horace Micallef semma li hemm ħofra minn ma Triq l-Isptar San Ġiljan għal ma Triq is-Sajjieda. Is-Sindku nfurma l-membri li se jieħu ħsieb li tintela bit-tarmak.

Mis-Sindku

Ressaq ilment li rċieva sabiex issir l-kaxxa għall-muturi f'nofs Triq Kappillan Ħili. Il-Kunsillier Micallef qal li Transport Malta kien diġa bagħat risposta. Is-Sindku żied jgħid li kienet saret kaxxa għall-muturi fil-bidu ta' Triq il-Qalb ta' Ġesu' mingħajr ma ġew mitluba. Il-membri qablu sabiex il-Kunsill jressaq din it-talba lil Transport Malta li jsiru kaxxi għall-karozzi kif qed jintalab għal Triq il-Kappillan Guzepp Hili.

## 13.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 13.12 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis, 30 ta' Novembru 2017 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA**
**Saviour Borg**
**Sindku**

**IFFIRMATA**
**Heidi Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**